MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 68/2009

**Malcolm Ellul**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**It-Tribunal**,

Ra r-Rikors ipprezentat minn Malcolm Ellul fit-2 ta' Mejju 2006 permezz ta' liema jitlob li jigi mehlus mill-hlas tat-taxxa stipulata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-Avviz ta' Rifjut datat 4 ta' April 2006 jew li alternattivament, f'kaz li l-ewwel talba tieghu ma tigix milqugha, it-taxxa minnu dovuta tigi ridotta ghal mhux iktar minn Lm400, illum ekwivalenti ghal €931.75, ossia fl-ammont kif rivedut mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 6 sa' fol. 15 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, u minflok il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga minnu kontrih tigi ikkonfermata stante li l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxi hija, ghar-ragunijiet moghtija minnu fid-decizjoni tieghu ta' l-4 ta' April 2006, gusta;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 17 sa' 21 tal-process;

Ra l-affidavit tar-Rikorrent u d-dokumenti annessi mieghu a fol. 35 sa' 92 tal-process, sema' x-xhieda tal-Perit Anthony Camilleri moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2012[1] u x-xhieda ta' Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2012[2] u ra dokumenti esebiti minn Ivan Portelli markati Dok. "IP1" a fol. 108 u 109 tal-process;

Ra r-Rapport ta' l-Assisstent tat-Tribunal il-Perit Elena Borg Costanzi a fol. 111 sa' 115 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra**:

B'Avviz ta' Likwidazzjoni bil-Kont Nru. 42490 datat 20 ta' Novembru 2000[3], ir-Rikorrent gie mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi[4], ihallas is-somma ta' Lm400, illum ekwivalenti ghal €931.75, bhala taxxa pura ulterjuri w is-somma ta' Lm800, illum ekwivalenti ghal €1,863.50, bhala taxxa addizzjonali/penali, komplessivament ammontanti ghal Lm1,200, illum ekwivalenti ghal €2,795.24, fuq l-akkwist ta' maisonette u garage f'Hal Lija bis-sahha ta' kuntratt datat 13 ta' Marzu 2000, u dana stante li l-Kummissarju ivvaluta l-fondi imsemmija f'valur taxxabbli addizzjonali ta' Lm8,000, illum ekwivalenti ghal €18,634.99. Ir-Rikorrent oggezzjona ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju permezz ta' ittra ta' oggezzjoni datata 24 ta' Novembru 2000[5], liema oggezzjoni però gie michuda u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa kkonfermata b'decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 7 ta' Marzu 2006[6]. In segwitu ghal dik id-decizjoni, permezz ta' Avviz ta' Likwidazzjoni datat 4 ta' April 2006[7] ir-Rikorrent mill-gdid gie mitlub ihallas is-somma komplessiva ta' Lm1,200, konsistenti fis-somma ta' Lm400 bhala taxxa pura ulterjuri u fis-somma ta' Lm800 bhala taxxa addizzjonali, fuq l-akkwist tal-maisonette u garage f'Hal Lija. Din it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi u d-decizjoni fuq liema l-istess hija bbazata qed jigu kkontestati mir-Rikorrent bil-procedura odjerna li originarjament giet intavolata quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali w in segwitu trasferita ghal quddiem dan it-Tribunal.

Ir-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq l-aggravju centrali li l-valur ta' Lm30,000, illum ekwivalenti ghal €69,881.20, dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel datat 13 ta' Marzu 2000, huwa mhux biss l-uniku ammont ta' flus li ghadda minghandu ghal

[1] Fol. 99 sa' 104 tal-process.
[2] Fol. 106 u 107 tal-process.
[3] Dok. "B" fol. 18 tal-process.
[4] Vide Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Dok. "C" a fol. 19 u 20 tal-process.
[6] Dok. "Dok. "B" a fol. 8 sa' 10 tal-process.
[7] Dok. "D" a fol. 21 tal-process.

ghand il-vendituri, imma huwa valur li jirrifletti l-valur reali fuq is-suq miftuh tal-maisonette u garage minnu akkwistati, liema maisonette u garage gew minnu akkwistati fi stat ta' gebel u saqaf.

F'dan ir-rigward ir-Rikorrent jikkontendi li l-istima maghmula mill-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta' Lm38,000, illum ekwivalenti ghal €88,516.19, ma hijiex stima gusta u korretta in kwantu l-imsemmi Perit acceda fil-fondi in kwistjoni diversi xhur wara t-trasferiment u fi zmien meta kienu già saru ammont ta' *finishing works* li gabu l-istess fondi fi stat *semi-finished* u ghalhekk l-istima tieghu hija appuntu stima ta' fondi fi stat *semi-finished* u mhux fi stat ta' gebel u saqaf. Apparte minnhekk jikkontendi wkoll li l-Perit erronejament ikkonsidra l-maisonette bhala *three bedroomed property* mentri bhala fatt hija biss *two bedroomed property* peress illi t-tielet bedroom fil-fatt giet 'misruqa' minn parti mit-tarag tal-fond.

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll li fl-aghar ipotesi ghalih, kemm-il darba t-talba principali tieghu ghar-revoka tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontrih ma kellhiex tigi milqugha, huwa ghandu se mai ihallas biss l-ammont ridott ta' Lm430, illum ekwivalenti ghal €1001.63, liema ammont gie hekk ridott mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni stess. Huwa jikkontendi li ghandu jibbenefika minn tali riduzzjoni proposta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni peress illi ma ghandux jigi ppenalizzat u jhallas l-ammont originali ta' Lm1,200 ghaliex ghazeli li jezercita d-dritt tieghu li jikkontesta u jappella mill-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa.

Mix-xhieda tal-Perit Anthony Camilleri[8], li kien il-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-fini li jaghmel stima tal-fondi akkwistati mir-Rikorrent, u mid-dokumenti esebiti minn Ivan Portelli, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, konsistenti fir-rapport tal-Perit Camilleri u f'minuti ta' l-istess Perit dwar l-oggezzjoni sottomessa mir-Rikorrent ghall-Liwkidazzjoni ta' Taxxa mahruga fl-20 ta' Novembru 2000[9], jirrizulta b'mod car li l-valutazzjoni tal-Perit ma hijiex wahda ta' fondi fi stat ta' gebel u saqaf izda ta' fondi li fihom già kienu saru certu ammont ta' xoghlijiet u dana billi l-imsemmija fondi kienu f'tali stat meta huwa ghamel l-ispezzjoni tieghu. It-Tribunal huwa tal-fehma ghalhekk li dak li ghandu jigi determinat l-ewwel qabel kollox huwa jekk il-fondi akkwistati mir-Rikorrent bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel datat 13 ta' Marzu 2000 gewx minnu akkwistati fi stat ta' gebel u saqaf jew inkella gewx minnu akkwistati fl-istat li fihom rahom il-Perit Camilleri meta spezzjona l-istess fondi.

A tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 52(3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta *l-piz tal-prova illi l-likwidazzjoni li dwarha jsir l-ilment hija eccessiva jkun ta' l-appellant* u ghalhekk jirrizulta b'mod car li l-oneru tal-prova li l-fondi in kwistjoni gew akkwistati fi stat ta' gebel u saqaf jinkombi fuq ir-Rikorrent.

Bhala prova tal-fatt li huwa akkwista l-fondi in kwistjoni fi stat ta' gebel u saqaf ir-Rikorrent ipprezenta numru ta' ricevuti li jirreferu ghal diversi xoghlijiet li saru fil-fondi minnu akkwistati, b'mod partikolari fil-maisonette, wara l-akkwist ta' l-istess proprjetà[10]. Ix-xoghlijiet li ghalihom jirreferu dawn ir-ricevuti, fosthom xoghol ta' l-

---

[8] Seduta tat-23 ta' Mejju 2012, fol. 99 sa' 104 tal-process.
[9] Dok. "IP1" a fol. 108 u 109 tal-process.
[10] Dok. "ME6" a fol. 60 sa' 66 tal-process.

elettriku[11], tqeghid ta' madum[12] u aperturi[13], huma xoghlijiet li huwa normali li jsiru fi proprjetà li ma tkunx *finished* u ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal minn dawn l-istess ricevuti tirrizulta debitament konfermata u korroborata l-affermazzjoni tar-Rikorrent li l-fondi minnu akkwistati gew effettivament akkwistati fi stat ta' gebel u saqaf u mhux fl-istat ta' *semi-finished* li fihom rahom il-Perit Camilleri meta spezzjona l-istess fondi u li x-xoghlijiet gew esegwiti wara d-data ta' l-akkwist.

It-Tribunal jinnota li l-ircevuti esebiti mir-Rikorrent flimkien ma' l-affidavit tieghu u bhala parti mit-testimonjanza tieghu f'dawn il-proceduri, ma gewx ukoll ikkonfermati bil-gurament ta' min harighom izda, ciò nonostante t-Tribunal xorta wahda qed jaccetthom bhala prova ammissibbli u huwa konvint mill-valur probatorju ta' l-istess. F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Allied Insurance Agency Limited noe v. Evelyn Borg Grech, Appell Civili Nru. 1171/02** deciza fl-10 ta' Marzu 2004: *ilment konsimili* (ossia li t-Tribunal ta' Talbiet Zghar ammetta bhala prova valida dokument mhux ikkonfermat bil-gurament ta' min hargu) *kien gia gie sollevat drabi ohra. Hekk per ezempju fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Camilleri v. Leone Pillow" 7 ta' Ottubru 1997, dik il-Qorti kienet hemm irriteniet illi "il-konferma bil-gurament mhiex rekwizit sine qua non ghall-ammissibilità bhala prova, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti ghandha tkun libera li taccettahom u li taghmel l-inferenzi li legittimament hu konsentit li taghmel."* Jigi osservat li fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-Kummissarju tat-Taxxi ikkontesta l-awtenticità u l-veracità ta' dawn l-ircevuti. B'hekk jigi ribadit li t-Tribunal qed jaccetta l-ircevuti esebiti mir-Rikorrent flimkien ma' l-affidavit tieghu bhala prova ammissibbli li tikkonferma u tikkorobora t-tezi tar-Rikorrent.

Fix-xhieda tieghu l-Perit Anthony Camilleri ddikjara li r-Rikorrent ma ipprezenta l-ebda ricevuta biex jurih li x-xoghlijiet li huwa sab fil-fondi in kwistjoni saru wara d-data ta' l-akkwist ta' l-istess fondi, u bhala fatt mid-dokumenti relattivi ghall-istadju ta' l-oggezzjoni tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa da parte tar-Rikorrent jirrizulta b'mod car li ghalkemm huwa ghamel referenza ghax-xoghlijiet minnu esegwiti fil-fondi wara l-akkwist - *the property was purchased in shell form and your architect carried out his survey when finishing works were way underway. On the 25th July, when he came to inspect the property, the kontrabejt and konkos in the garage had been laid, the place was ready plastered, the façade was 'fuq il-fiel', there was the tiling underlay and all electrical and plumbing facilities (including drains) were fitted. Most external aluminium apertures were also in place. These works were all carried out after the purchase of the place and I am to believe that the architect could have somewhat been misguided in view of the advanced finishing works* - f'dak l-istadju huwa ma ssottometta l-ebda ricevuta in sostenn ta' dak minnu affermat. Minkejja tali fatt però it-Tribunal ma jistax jinjora l-import u valur probatotju tar-ricevuti esebiti mir-Rikorrent waqt is-smigh ta' dan l-appell u jipprocedi daqslikieku tali ricevuti ma jezistux jew ma jiswew xejn. Se mai l-fatt li r-Rikorrent ma ressaqx din id-dokumentazzjoni quddiem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-istadju ta' l-oggezzjoni mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa jista' jkollu effett biss fuq il-kwistjoni dwar l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal dawn il-proceduri.

[11] Fol. 62 u 63 tal-process.
[12] Fol. 64 u 65 tal-process.
[13] Fol. 66 tal-process.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk ir-Rikorrent irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li l-fondi akkwistati bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel datat 13 ta' Marzu 2000, bhala fatt gew minnu akkwistati fi stat ta' gebel u saqaf. Din il-konkluzzjoni necessarjament twassal ghall-konkluzzjoni ulterjuri li l-istima tal-Perit Camilleri ghall-ammont ta' Lm38,000, illum ekwivalenti ghal €88,516.19, ghall-maisonette u garage in kwistjoni hija stima ezagerata.

Konferma tal-fatt li l-istima tal-Perit Camilleri hija ezagerata u konferma wkoll li l-valur ta' Lm30,000 dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment in kwistjoni jirrapprezenta l-valur reali fuq is-suq miftuh tal-fondi in kwistjoni fiz-zmien ta' l-akkwist tirrizulta mir-Rapport ta' l-Assisstent tat-Tribunal il-Perit Elena Borg Costanzi[14].

Fir-Rapport taghha l-Perit Borg Costanzi kkonstatat *illi l-fond jikkonsisti minn maisonette f'zona residenzjali bhala tal-Mirakli, li huwa accessibbli minn tarag li mit-triq iwassal sa' l-entratura f'elevated ground floor level (vide Fol. A). Fl-entratura stess, wiehed isib tarag li jwassal ghall-livell residenzjali li huwa kompost minn salott u karma ta' l-ikel, kcina separate, zewg kmamar tas-sodda u zewg kmamar tal-banju, li wiehed minnhom huwa ensuite. Hemm ukoll studju zghir li jaghti ghal fuq it-triq. It-tarag iwassal ghall-kamra tal-fuq il-bejt. L-arja tal-bejt huwa parti mill-binja. Il-post jidher li huwa konformi mar-regolamenti taz-zmien ta' meta nbena. Il-ligijiet skond Kap.10 Code of Police Laws gew osservati. Taht il-livell tat-triq wiehed isib il-garage li huwa mibni b'hitan tal-gebel u li huwa pjuttost kbir. Illi l-maisonette jikkonsisti minn arja ta' madwar 120 metri kwadri organizzat fuq zewg livelli, eskluz il-garage. Illi l-appartament llum huwa komplut b'madum tac-ceramika, gypsum rendering mal-hitan u mas-soqra u ceramika ghall-kmamar tal-banju. Illi l-apeturi ta' barra huma skond il-permess, jigifieri ta' l-aluminium, u parigg il-kumplament tal-blokka zghira. Il-proprjetà hija freehold. Illi meta nxtara l-fond, kien gebel u saqaf u mhux kif inspezzjonatu l-esponenti waqt l-access. Mill-process jidher li hemm kwantità ta' rcevuti ghal diversi xoghlijiet illi kienu mehtiega biex il-maisonette jigi komplut,* u konsegwentement ikkonludiet illi *skond l-esponenti l-valur tal-maisonette u l-garage li nxtraw fl-2000 kif deskritt huwa ta' Euro 70,000* [ekwivalenti ghal Lm30,051], liema valur huwa effettivament kemm kemm ghola mill-valur dikjarat fil-kuntratt fl-atti tan-Nuatr Gerald Spiteri Maempel datat 13 ta' Marzu 2000 li bih ir-Rikorrent akkwista l-maisonette u garage in kwistjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-aggravju centrali fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa gustifikat u b'hekk jisthoqq li jigi milqugh. Fid-dawl ta' dan it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tieni aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu.

In kwantu rigwarda l-ispejjez giudizzjajri relattivi ghal dawn il-proceduri jigi osservat li ghalkemm ir-Rikorrent ma issottomettiex l-ircevuti relattivi ghax-xoghlijiet esegwiti minnu fl-istadju ta' l-oggezzjoni mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahrug kontrih, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni lanqas indenja ruhu jitlob minghand ir-Rikorrent prova ulterjuri ta' dak minnu affermat fl-ittra ta' oggezzjoni tieghu qabel ma ghadda ghad-decizjoni finali dwar l-oggezzjoni tar-Rikorrent. Li ghamel minflok

---

[14] Fol. 111 sa' 114 tal-process.

il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien li jipprezenta lir-Rikorrent bi ftehim - biex wiehed jghid hekk fuq bazi *take or leave it* - li kemm-il darba accettat mir-Rikorrent l-ammont dovut kien jitnaqqas sostanzjalment minn Lm1,200 ghal Lm430. Madanakollu però peress illi l-ftehim propost ma giex accettat mir-Rikorrent il-Kummissarju ghadda biex jichad l-oggezzjoni mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa u konsegwentement ikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa.

Fil-fehma tat-Tribunal dan l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kienx korrett u ghalhekk l-istess Kummissarju ghandu jgorr parti mir-responsabilità ghall-fatt li l-vertenza li hemm bejn ir-Rikorrent u bejnu waslet sa' hawn. Fid-dawl ta' dan appena osservat it-Tribunal hu tal-fehma li f'dan il-kaz kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez giudizzjarji taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-Rikorrent u konsegwentement jannulla u jirrevoka l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Numru IV042490 datata 4 ta' April 2006 mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tieghu.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez giudizzjarji taghha.

Ai termini ta' l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta' din id-decizjoni, tad-data taghha u ta' dak li effettivament gie deciz jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------